*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 40

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2022

Il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea – Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Neil Portelli – Kunsillier
Thomas Debattista – Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier

SKUZATA:
Anabelle Marmara' – Kunsillier

ASSENTI:
Ismael Dalli – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **40.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| **40.1.1** | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li s-Sa Anabelle Marmara talbet li tkun skuzati ghall-laqgha minhabba sitwazzjoni li ma kelliex kontroll fuqha. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda oggezzjoni f `dan ir-rigward. |
| **40.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 40.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 38, flimkien mal-minuti tal-laqgha b` urgenza nnumerata 39 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 40.2.2 | Is-Sur Thomas Debattista ppropona u s-Sur Christian Pace ssekonda l-minuti tas-Seduta nnumerata 38, flimkien mal-minuti tal-laqgha b`urgenza nnumerata 39 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **40.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 40.3.1 | Is-Sindku prezenta lill-Kunsillera r-rapport tal-hidma tax-xoghol li sar barra fil-lokalita`, mid-9 ta Frar 2022 sal-10 ta` Marzu 2022. |
| 40.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li f `April se jaghmel attivita b`tifkira ghall-vittmi tal-gwerra. Is-Sindku ppropona li tinzamm cerimonja l-knisja u wara flimkien mal-ghaqdiet isir *corteo* sal-monument tal-gwerra, fejn jitqieghdu l-kuruni. Is-Sindku qal li jaf min ghandu xi ingenju tal-gwerra antiki u se jghidilhom sabiex jippartecipaw. Is-Sindku nforma l-Kunsill li jaf b` ghaqda li taghmel *re-enactment* tal-gwerra u se jkun qed jistiedina. |
| 40.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li qabel il-15 t`April 2022 trid tinzamm Laqgha Annwali Generali ghall-komunita` u jrid jigi prezentat ir-rapport ta` hidma mill-Kunsilliera ghas-sena 2021, sabiex is-Segretarju Ezekuttiv ilesti r-rapport amministrattiv. |
| 40.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li z-zewg *pageants* tal-Gimgha l-Kbira mhux se jinzammu minhabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija. Is-Sindku spjega li l-wirja tal-Gimgha l-Kbira mhux se ssir lanqas ghax se tinzamm fil-lokalita` tal-Qrendi. |
| 40.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li attenda laqgha mal-Awtorita tat-Turizmu fejn gie nfurmat li se jirrangaw l-akwata ta` fejn it-Tempji Neolitici. Is-Sindku prezenta l-pjanti sabiex jispjega kif se jkun implimentat il-progett u nforma lill-Kunsilliera li x-xoghol se jsir minn *Infrastructure* Malta u jithallas mill-Awtorita tat-Turizmu. |
| 40.3.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li attenda laqgha mal-LESA u l-fondi sabiex isir il-hajt bl-inkwatri tal-ghaqdiet se jkun qed jithallas mill-LESA stess. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 40.3.7 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li attenda laqgha ma` kumpanjia li tipprovdi l-kontenituri taz-zejt tal-ikel u gab minnhom fil-lokalita`, ghax ir-residenti kienu ilhom jistaqsu ghalihom u spjega li se jkun qed jiehu hsieb li l-akwata ta` fejn se jitqieghdu l-kontenituri tibqgha nadifa. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-kuntratt mal-kumpanija huwa ghall-sentejn u jiggedded biss fuq approvazzjoni tal-Kunsill. |
| 40.3.8 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li attenda laqgha ma` ufficjal ta` *Infrastructure* Malta rigward il-qtugh tas-sigar fi Gnien Mark Farrugia u Gnien Veliko Turnovo u qal li x-xoghol se jsir minnhom. |
| 40.3.9 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li flimkien mal-Vici Sindku Sa Darlene Vella Zammit u l-Kunsillier is-Sur Thomas Debattista attenda laqgha mal-ghaqdiet San Gabriel u l-Madonna tad-Duttrina fejn gew diskussa l-hofor ta` go l-art ghall-arbli tan-nar. Is-Sindku spjega li l-ispejjez kienu se jigu finanzjati mid-dar tal-anzjani flimkien mal-ghaqdiet, imma *Infrastructure* Malta qalet li se tkun qed tkopri l-ispejjez kollha. |
| 40.3.10 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li se tinzamm wirja tal-Gimgha l-Kbira fi Triq il-Fuhhar. |
| 40.3.11 | Is-Sindku nforma lill-Kunsillier s-Sur Christian Pace li wara l-mistoqsija li kien ghamel ghall-Triq Simmons fl-ahhar laqgha, rigward li thaffret trinka biex gie mghoddi *cable* tal-Enemalta izda baqghat ma' nqalatx bhat-Toroq l-ohra, huwa ikkuntatja lill-Kuntrattur imma ghadu ma` tahx informazzjoni. |
| 40.3.12 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li se jkun qed jixtri l-figolli zghar bl-arma ta` Ħal Tarxien u jqassamom lit-tfal fl-Ghid. Is-Sindku qal li se jkun qed jikkominika mal-Arcipriet sabiex jilhaq ftheim u t-tqassim isir wara l-quddiesa. |
| 40.3.13 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera sabiex tinghazel data ghall-Jum Ħal Tarxien li tkun abbinata mat-Tempji Neolitici. Is-Sindku, flimkien mal-Kunsillier is-Sur Christian Pace infurmaw lill-Kunsilliera prezenti li se jkunu qed jivverifikaw id-data. |
| 40.3.14 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li bi ftheim mal-Kunsillier s-Sur Christian Pace id-dekasteru tal-Kultura se jkun qed jghaddi ghandu. |
| **40.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 40.4.1 | Ma kienx hemm. |
| **40.5** | **Rapporti** |
| 40.5.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li ntlahaq ftheim fuq l-arrettrati tas-salarju tas-Segretarji Ezekuttivi ghas-snin 2020 u 2021, li jinkludu *transport allowance*, *communication allowance*, *disturbance allowance*, 5% *performance bonus* aktar ghas-sena 2020 u 5% |

| | |
|---|---|
| | *performance bonus* ghas-sena 2021. Is-Sindku spjega li l-kuntratt gie ffirmat mid-Dipartiment tal-Gven Lokali, l-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali, l-Ansek u l-UHM. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-*allowances* imsemmija, inkluz il-5% aktar tal-*performace bonus* se jkunu zieda gdida mas-salarju tas-Segretarju Ezekuttiv. |
| 40.5.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li nhar il-21 ta` Marzu 2022 se jinzamm l-*audit* tal-Kunsill Lokali. |
| 40.5.3 | Is-Sindku prezenta il-*4th Quarterly Report* ghas-sena 2021, ghall-approvazzjoni tal-Kunsill u spjega li kien hemm zball minn naha tal-*accountants* fid-*deficit* li kellu jkun *surplus*. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti r-rapport gie approvat. |
| 40.5.4 | Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera li qed jsiru wisq zbaliji minn naha tal-*accountants,* mhux biss fir-rapporti imma anke fil-pagi u li jekk is-sitwazzjoni tibqgha hekk taght parir li tintbghat *default notice.* Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma` nstabet l-ebda` oggezzjoni f`dan ir-rigward u s-Segretarju Exekuttiv intalab jaghmel dak li hu l-ahjar ghall-Kunsill. |
| 40.5.5 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li waqt l-*audit* tan-*Norweigan Grants* instabu xi *korrezzjonijiet finanzjarji zghar* fuq l-RFQs. Is-Segreatrju Ezekuttiv spjega li wara li tkelmet mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali giet infurmata li dawn il-korrezzjonijiet huma normali u li l-Kunsill kien hadem tajjeb hafna. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera li l-Kunsill xorta jaqbillu jzomm it-tieni progett tan-*Norweigan Grants* ghax il- *korrezzjonijiet finanzjarji* huma zghar u l-Kunsill se jkun aktar attent li ma` jirrepetix l-istess zbalji li ma kienx konxju dwarhom. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-Kunsill jibqgha ghaddej bit-tieni progett tan- *Norweigan Grants.* |
| 40.5.6 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li l-haddiema amministrattiva l-gdida rrizenjat fis-7 ta` Marzu 2022. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat spjega li temporanjament ma` tistghax tinhareg vakanza ohra sakemm tghaddi l-elezzjoni generali. |
| **40.6** | **Mozzjonijiet** |
| 40.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **40.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 40.7.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar il-Erbgha 2 ta` Marzu 2022, flimkien mal-Perita attenda ghall-laqgha ta` kjarifikazzjonijiet mal-*bidders* li huma nteressati li jaghmlu x-xoghol fi Gnien Joanne. Is-Sindku spjega li l-*opening* tat-*Tenders* se jinzammu nhar il-21 ta Marzu 2022. |
| 40.7.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li fil-granet li gejjin se jkun lest it-Tender tal-*palk* , li jinkudi wkoll is-*sound* u d-dawl, u li jaghmel parti mill-progett tan-*Norwegian Grants.* |

| | |
|---|---|
| **40.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 40.8.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali s-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 33/08) flimkien mal-lista tal- *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Frar/ Marzu 2022 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali |
| 40.8.2 | Fuq mozzjoni tas- Sa Darlene Vella Zammit ssekondata mis-Sur Neil Portelli l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **40.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 40.9.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-18.26p.m. wara li giet ezawrita l-Agenda u giet aggornata ghal nhar il- Ħamis 7 ta' April 2022 fil-5:30p.m. |

Konfermati, illum 10 ta' Marzu 2022.

D.Vella

Darlene Vella Zammit
Vici Sindku

E.Vella

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv